# Santa Luċija

## Minuti

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Numru 73/2024

## 23 ta’ Mejju 2024

**Il-Kunsill Lokali ta’ Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:00 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku (5.18pm) |
| Kylie D’Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |
| Terrence Ellul | Kunsillier (Online) |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Bernice Darmanin | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**Assenti b’Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**73.01 Talba**

73.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**73.02 Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji**

73.02.01 Kulħadd preżenti

**73.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 72-24**

73.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 72-24 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D’Amato tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

**73.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.04.01 Is-Sindku nfurmat li x-xogħol fuq il-gazebo tlesta u sabiex ma tibqax magħluqa sakemm tiġi emendata l-Bye Law, ġie diskuss li kull request għall-użu tagħha tiġi mgħoddija lil kunsilliera skond il-każ. Wara diskussjoni, bejn il-Kunsilliera ġie maqbul wara rrakomdanzzjoni tas-Sindku u l-Kunsillier Sciberras, sabiex sakemm tiġi emendata l-bye law, nimxu mal-bye law preżenti peress li l-gazebo tinsab ġo fiha, sabiex jiġi ffaċilatat il-proċess tal-applikazzjonijiet; skond l-attivita li hemm fil-bye law, trid tintuża l-bye law. Dan ġie approvat bi qbil unanimu.

73.04.02 Is-Sindku nfurmat li l-avukata, s-Sa Claire Bonello ser tibgħat l-Objection tal-Kunsill għal PA2021/24 (Ta’ Guthenberg).

73.04.03 Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera li l-Kunsill ħa €35,000 f'fondi minn LESA sabiex isiru fanali u bankijiet ġodda fi Pjazza 7 ta' Lulju fil-parti l-oħra. Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex ma jkunx dawl qawwi bħal ma ġara fil-ġnien magħruf fl-area tas-Salib, li jdejjaq lir-residenti. Ser tinħareġ tender għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill approva unanimament

73.04.04 Is-Sindku infurmat li nhar l-10 ta' Ġunju 2024 ser tibda l-impjegata l-ġdida fil-Kunsill, kif ukoll id-District Operations ser jibgħatu clerk, sabiex jgħin fl-amministrazzjoni tal-Kunsill

73.04.05 Is-Sindku nfurmat li rċivejna request sabiex jitmexxew il-bins il-blu tal-ħwejjeġ, u ser jiġu fi Triq Begonja ħdejn il-BIS l-oħra. Fuq din ir-relocation ser jiġu nfurmati r-residenti. Dan ġie approvat bi qbil unanimu.

73.04.06 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera ddeċidew li għal Jum Santa Luċija, issir quddiesa nhar is-7 ta' Lulju 2024 fid-9.30am ħalli ma jiġux affetwati l-ħinijiet tal-quddies u fit-8 ta' Lulju attivita bis-sehem tal-Joy Gospels u l-Inawgurazzjoni tal-gazebo fis-7pm peress l-Joy Gospels ma jistgħux nhar is-7 ta' Lulju 2024. Il-Kunsillier Terrence Ellul qajem il-punt li fost li ħadu Ġieħ Santa Luċija kienu ex Kunsilliera. Wara diskussjoni mill-Kunsilliera, l-attivitajiet ġew approvati unanimament.

73.04.07 Is-Sindku nfurmat li ġejna avviċinati minn tal-Basketball sabiex jerġgħu isiru lezzjonijiet fis-sajf bħas-sena l-oħra kull nhar ta' Sibt mit-8am sad-9am. Din ser tkun mingħajr ħlas, u l-Kunsill iħallas €20 għal kull lezzjoni. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

73.04.08 Is-Sindku nfurmat li rċivejna talba sabiex jitwaħħlu 2 directional signs għal GBDV unit f'Santa Luċija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

73.04.09 Is-Sindku nfurmat li rċivejna talba mill-Kap tal-Iskola ta' St Thomas Moore (Sekondarja) sabiex juzaw Ġnien is-Serenita nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024 bejn l-10am u 12pm għal Team Building. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

73.04.10 Is-Sindku nfurmat li peress li l-Kunsill qed jeħel fil-preparar tad-dokumenti tat-tenders, ser jibda jintuża s-servizz ta' Christopher Falzon. Infurmat ukoll li l-kuntratt tal-Contracts Manager ser jiġi terminat fl-aħħar ta' Mejju 2024, u l-kuntrattur ġa nfurmat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

73.04.11 Is-Sindku nfurmat li minħabba diversi abbużi fid-dog park, ser issir CCTV camera (x1). Il-Kunsilliera semmew li jeżistu cameras li jduru 360 bis-sensor. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu li jġibu l-quotes.

73.04.12 Is-Sindku infurmat li rċivejna talba minn Santa Luċija Active Ageing sabiex jużaw it-trasport tal-Kunsill sabiex l-anzjani jkunu jistgħu imorru għal lezzjonijiet tal-għum. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu, l-importanti li ma jaffettwax is-servizz li joffri l-kunsill lir-residenti.

73.04.13 Is-Sindku nfurmat sabiex jridu jinbidlu u jinbdew ix-xogħolijiet fi Indipendenza Flats, Triq Maria de Domenicis. Il-Kunsillier Liam Sciberras qajjem il-punt li idealment isiru fiż-żewġ naħat kif ukoll jiġi miżbugħ il-ħajt li ġie mibni u r-railings isiru maż-żewġ naħat. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinġibu l-quotes.

73.04.14 Is-Sindku nfurmat li jridu jinbidlu u jiġu aġġornati n-notice boards wara komunikazzjoni tal-Viċi Sindku, Frederick Cutajar. Is-Sindku infurmat li ġa bdew jinbidlu ta' Triq Katerina Vitale.

73.04.15 Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill irċieva talba mir-Reġjun Nofsinhar sabiex jintuża Ġnien is-Serenita nhar l-4 ta' Lulju 2024 filgħodu għal attivita għal familja kollha. Il-Kunsill qabel unanimament, l-importanti li din l-attivita tkun bil-kollaborazjoni tal-Kunsill Lokali Santa Luċija.

**73.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

73.05.01 Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa meta ser jitlestew il-bus shelters, anke minħabba l-fatt, sabiex ir-residenti jkollhom fejn jistkennu minħabba s-sħana. Is-Sindku nfurmat li qed nistennew li tiġu mibgħuta l-applikazzjonijiet tad-DNOs lill-Awtorita tal-Ippjanar mill-perita. Wara li jiġu approvati

d-DNOs, ser imexxu l-FACES. L-Kunsill qed jagħmel l-għalmu tiegħu li jitlestew qabel jibda s-Sajf.

3.05.02 Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa għalfejn l-fencing ta' Pjazza 7 ta' Lulju ta' quddiem ic-Chess ma sarx kollhu. Is-Sindku nfurmat li ser tiċċekja dwarha, kif ukoll li l-ħaddiema qed jduru l-lokalita.

73.05.03 Il-Kunsillier Liam Sciberras informa li Ġnien Simbjożi mhux qed jiġi miżmum b'mod tajjeb, speċjalment fir-rigward tat-tisqija. Is-Sindku nfurmat li l-proġett għadu mhux lest minħabba l-gate u l-Compliance Certificate sabiex isir l-irrigation. Il-Kunsillier Sciberras irrimarka, li allavolja li għadu mhux lest, xorta hemm bżonn li dan jkun miżmum tajjeb. Manutenzjoni qed ikun hemm.

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa fix wasal ix-xogħol ta' Triq il-Kaħwila, n-naħa tal-iskola. Is-Sindku nfurmat, li għaddu kemm ġie iffirmat l-ftehim mal-Public Works u qed nimxu mal-prijoritajiet.

73.05.04 Il-Kunsillier Liam Sciberras talab sabiex jitnaddfu t-trinek. Is-Sindku nfurmat li dan ix-xogħol huwa tal-kuntrattur (ENEMALTA), għalhekk huma jridu jieħdu r-responsabbilta. Is-Sindku nfurmat ukoll li ser tagħmel follow-up tagħha.

73.05.05 Il-Kunsillier Liam Sciberras informa li l-Kunsill il-ġdid jrid jibda jieħu responsabbilta ta' diversi blokok. Is-Sindku infurmat li ilha titkellem mal-Housing Authority sabiex jitranġġawj, isiru l-manutenzjonijiet meħtieġa, jkunu aktar aċċessibli, hemm blokok mingħajr intercomp, apparti li hemm ħafna vandaliżmu. Il-problema li ħafna residenti huma anzjani u hemm ċertu proċeduri li ħafna residenti ma jafux dawn l-proċeduri.

73.05.06

**73.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

73.06.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li għanda stima għal accountant peress li l-accountant ta' bħalissa ser jingħalaq l-kuntratt, għalhekk sakemm tinħareġ t-tender, ser taħdem bil-quote.

73.06.02 L-Audited Financial Report 2023 ġie approvat mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar u mill-Kunsillier Liam Sciberras.

**73.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 73/24**

73.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti 73/24 ġew approvati mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsillier Liam Sciberras. Il-Kunsillier Liam Sciberras ġibed l-attenzjoni li Item 21 mhux jagħmel xogħolu sew, għal ammont li qed jitħallas. Fuq dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku spjegat lill-Kunsilliera dwar pagamenti li ma jsirux b'mod regolari.

**73.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

73.08.01 Il-Kunsilliera għaddew il-messaġġ tagħhom peress din kienet l-aħħar seduta ta' qabel l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, inkluż il-Kunsillier Terrence Ellul, allavolja mhux ħiereġ għall-elezzjoni.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:20p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2024 fil-5:00 p.m.

**Konfermati illum ______________________________ 2024.**

**IFFIRMAT** **IFFIRMAT**

______________________ ______________________

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Bernice Darmanin**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**